MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 1265/2002

**Peter Pace f'ismu personali kif ukoll ghan-nom ta' l-azienda C&D Marketing**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta' Peter Pace f'ismu personali kif ukoll ghan-nom ta' l-azienda C&D Marketing ai termini ta' l-artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jippremetti:

Illi l-esponenti ilu jmexxi negozju ta’ bejgh ta’ *mobile phones* minn hanut (Digital 2000) fil-Plaza Shopping Centre, tas-Sliema ghal xi zmien;

Illi l-esponenti kemm-il darba gab *mobile phones* minn barra u dejjem hallas regolarment id-dazju u l-VAT relattiv fuq l-istess;

Illi, ghar-rigward il-kaz *de quo*, il-*mobile phones* in kwistjoni gew ordnati bit-telefon minghand id-ditti Kronos S.p.A., Bruno Domenico & Figli S.r.L. u Teltoon S.r.L., kopji tal-fatturi relattivi qed jigu hawn annessi u mmarkati “Dok. A”, u stante illi l-esponenti kien ser ikun imsiefer meta kienet ser tasal Malta l-merkanzija, hu kien inkariga lil cartu wiehed Raniero Paul Borg biex jiddepozita l-merkanzija d-Dwana sabiex l-istess tigi eventwalment sdoganata mir-rikorrenti;

Illi l-inkarigu ta’ l-imsemmi Raniero Paul Borg kien, ghalhekk, precizament u limitatament li jnizzel ix-xoghol u jhallih id-Dwana kif ikkonferma r-rikorrenti mal-Pulizija fl-istqarrija li rrilaxxja nhar it-18 ta’ Lulju, 2002, kopja taghha hawn annessa u mmarkata ‘Dok. B’;

Illi l-*mobile phones* in kwistjoni gew eventwalment mizmuma mill-ufficjali tad-Dwana waqt li qed isiru xi nvestigazzjonijiet nhar il-10 ta’ Lulju, 2002, mit-*trailer* TR 507 misjuq mill-imsemmi Raniero Paul Borg (Dok. G);

Illi, skond ricevuta ufficjali mahruga mill-ufficjali tad-Dwana (Dok. C), il-merkanzija appartenenti lill-esponenti tikkonsisti fis-segwenti:-

Samsung SGH A400 – 12
Sagem MW 3022 – 10
Siemens C45 – 40
Samsung SGH T100 – 10
Nokia 5210 – 14
Siemens M50 – 10
Siemens A35 – 100
Nokia 3330 – 40
Nokia 3310 – 300

Motorola T191 – 50
Panasonic EBGD 75 – 30
Siemens C351 – 20

Illi, ghall-finijiet ta’ kompetenza, jigi dikjarat li l-valur komplessiv tal-*mobile phones* in kwistjoni jeccedi hamest elef liri Maltin (Lm5,000);

Illi fl-istqarrija (Dok. B) l-esponenti kkonferma mal-Pulizija li hu ma kien ta’ ebda struzzjonijiet lill-imsemmi Raniero Paul Borg sabiex dan ma jhallasx xi hlasijiet dovuti lil Gvern;

Illi, effettivament, l-esponenti kien estraneu ghall-akkadut stante illi kien imsiefer meta waslet il-konsenja u, *in ogni caso*, il-mittenti ma kellu ebda nteress li jevadi l-hlas ta’ ebda dazju u VAT anke ghas-semplici raguni illi, per ezempju, ghar-rigward il-VAT, b’mod partikolari, hu kien intitolat ghal *refund*;

Illi. permezz ta’ nota ta’ qbid numru 51/2002 datata 8 ta’ Ottubru, 2002, mahruga f’isem l-imsemmi Raniero Paul Borg (Dok. D), l-esponenti gie nfurmat li l-merkanzija in kwistjoni kienet giet maqbuda mill-ufficjali tad-Dwana ai termini ta’ l-artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-*mobile phones* in kwistjoni huma proprjeta’ ta’ l-esponenti u mhux ta’ l-imsemmi Raniero Paul Borg u, ghaldaqstant, l-istess nota ta’ qbid (Dok. D) ma hargitx skond id-dispost ta’ l-imsemmi artikolu 72 (2) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi l-istess artikolu ta’ ligi jipprovdi espressament li nota ta’ qbid trid tinhareg f’isem sid l-oggetti maqbuda meta maghruf kif hu l-kaz u kif jirrizulta ampjament mill-fatturi (Dok. A);

Illi l-esponenti debitament ikkontesta l-qbid tal-*mobile phones* in kwistjoni ai termini ta’ l-artikolu 72 (2) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ ittra rregistrata datat 16 ta’ Ottubru, 2002 (Dok. E);

Illi precedentement l-esponenti kien interpella lill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta’

Settembru, 2002 (Dok. F) sabiex jirrilaxxja l-merkanzija in kwistjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija u li permezz taghha l-esponenti kien informa ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi lill-Kontrollur tad-Dwana bil-pregudizzju enormi li dan l-istat ta' fatt kien qed johloqlu minhabba d-deprezzament qawwi li huma soggetti ghalih *mobile phones* in generali u zamm lill-istess Kontrollur tad-Dwana responsabbli ghad-danni kollha li qed isofri u ghad jista' jsofri kawza ta' dan l-istat ta' fatt.

Ghaldaqstant, l-esponenti, in vista tal-premess u ta' dak kollu li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja fi zmien qasir u perentorju l-*mobile phones* indikati f'dan ir-rikors u elenkati fid-Dok. A u li gew maqbuda nhar il-10 ta' Lulju, 2002, u konsegwentement, tawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendi definittivament il-pussess ta' l-istess skond il-Ligi jew, in difett, tordna li, fil-konfront ta l-esponenti, jittiehed kwalsiasi rimedju iehor li, fic-cirkostanzi, dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq timponi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha gust timponi dina l-Onorabbli Qorti.

Rat **ir-risposta** tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 30 tal-process fejn eccepixxa:

Illi din il-merkanzija konsistenti f'*mobile phones* kienet elevata minhabba li deher li kienet diehla Malta b'mod irregolari u kontra l-ligijiet doganali, u cioe' kienet fi trakk li skond id-dokumenti, kellu jkollu biss taghbija ta' *gypsum*, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u ghalhekk huwa jopponi ghar-rilaxx tal-oggetti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Bhala xhieda l-esponent jixtieq iressaq ix-xhieda kollha msemmija fir-rikors promutur b'mod partikolari r-rikorrent

in kontroezami, u l-ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx tal-*mobile phones* indikati fir-rikors u elenkati fid-Dok. A u li gew maqbuda fil-10 ta' Lulju, 2002 permezz ta' nota ta' qbid.

L-intimat qed jissottometti li huwa agixxa korrettement u skond il-ligi, meta hareg in-nota ta' qbid fuq il-merkanzija stante li kienet diehla Malta bi ksur tal-ligijiet tad-Dwana.

Fil-kaz in ezami l-Qorti li trid tezamina huwa jekk il-merkanzija in kwistjoni kienitx diehla Malta skond il-ligi tad-dwana jew le. Hu irrilevanti ghal dan l-ezami x'kienet l-intenzjoni tar-rikorrent jew x'kienu l-istruzzjonijiet li huwa ta lill Di Stefano u li dana ghadda lill Raniero Paul Borg. Li hu rilevanti huwa x'kien se jaghmel Raniero Borg bil-merkanzija meta dahal Malta. Il-qbija hi kwistjoni li jrid jara r-rikorrent ma' Borg. (ara punt simili deciz fis sentenza Cara Ltd vs Kont. Dwana deciza 27/2/03).

L-intimat qabad dina l-merkanzija permezz ta' nota ta' qbid li giet ezibita a fol 17/18). Ir-rikorrent qed jattakka l-validita ta' dina n-nota billi qed jikkontendi li n-nota ta' qbid giet indirizzata lill Raniero Paul Borg li ma kienx is-sid ta' l-oggetti in kwisjtoni, mentri fil-fatt kellha tintbaghat lir-rikorrent li kien is-sid maghruf ta' l-oggetti. Dan, skond ir-rikorrent kien rekwizit necessarju ad validitatem u ghalhekk in-nota hija nulla u minghajr effett stante li hemm difett procedurali.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragjonament billi jirrizulta mill-provi li kien hemm oggetti li ma kienux biss ta' sid wiehed

u ma kienx cert li l-merkanzija kienet kollha tar-rikorrent Raniero Borg kellu invoices biss tal-merkanzija tar-rikorrent. Inoltre f'dan il-kaz ir-rikorrent fil-fatt irceva kopja tan-nota ta' qbid tant li beda l-proceduri odjerni fuqha. L-iskop tal-ligi hu li n-nota tinhareg biex persuna tinghata l-opportunita li tikkontesta n-nota ta' qbid u f'dan il-kaz ir-rikorrent hekk ghamel.

Finalment, fuq dan il-punt, l-artikolu 72(1) tal-Kap 37 jipprovvdi li n-nota ta' qbid mhemmx ghalfejn tinhareg jekk il-qbid isir fil-presenza ta' min ikun ser jikser il-ligi, f'dan il-kaz Raniero Borg. L-intimat pero hareg ukoll in-nota billi hass li kien hemm diversi sidien tal-merkanzija u tahom l-opportunita biex jikkontestaw in-nota. Ara Sentenza App R.Gauci vs Kont Dwana 13/7/2001.

**Tikkunsidra fil-mertu**

Raniero Borg xehed li kien cempillu Dario de Stefano meta kien Catania u qallu biex inizzel mobile phones ghar-rikorrent peress illi dan kien imsiefer. Il-ftehim kien li kellu jhalli x-xoghol is-Seaport il-Belt, Valletta, biex eventwalment ix-xoghol jigi sdoganat minn Peter Pace appena jasal Malta. Fit-trailer hu kellu x-xoghol tar-rikorrent kif ukoll mobile phones ta' terzi kif ukoll xoghol ta' gypsum u xorb. Meta wasal Malta nizel fejn shed 3 u ra tgegwigija ta' trakkijiet u ghalhekk iddecieda li jipparkja magemb dan is-shed biex jidhol gewwa u hemmhekk l-ufficjali tad-dwana jaghtuh struzzjoniijiet x'jaghmel. Ipparkja u dak il-hin gew tad-dwana u waqqfuh. Hu ighid li dak il-hin ma kellux il-karti tad-Dwana ghax ma kienx ghadu ddikjara x-xoghol.

Ir-rikorrenti ikkonferma li l-istruzzjonijiet li ta' lil Di Stefano kienu kif qal Raniero Borg. Hu ma kellux ghalfejn jevadi d-Dazju ghax il-VAT jigi refunded.

Minn naha l-ohra l-ufficjali tad-Dwana xehdu li meta Borg nizel bit-truck minn fuq il-vapur dan ma ghamilx bhal l-ohrajn u waqaf fit-tarf tar-rampa jew waqaf fil-bitha, izda beda miexi bil-mod il-mod u qabad trieqtu qiesu sejjer barra. Huma marru jsegwuh bil-karozza biex jaraw fejn

sejjer. Sakemm daru l-kantuniera ma rawhx aktar. Imbaghad lemhuh wara zewg containers tal 40. Marru ikellmu lix-xufier Borg, it-truck kien ghadu startjat u x-xufier jistenna fuq l-isteering. Staqsewh x'kien qed jaghmel hemm u Borg qalilhom li siehbu kien mar jiddikara kollox lid-Dwana. Meta gie lura Angelo Abela qalilhom li kien iddikjara l-gypsum u li Borg ma kienx qallu b'ohrajn. Huma ghalhekk fittxew fit-truck u sabu kaxxi tax-xorb u mobiles. Borg qalilhom li kellu dak ix-xoghol biss izda meta fittxew il-merkanzija stivata fuq wara Borg qalilhom li kellu 4 kaxxi ohra mobiles izda meta fittxew sabu hafna aktar. Il-kaxxi kienu stivata fuq wara l-merkanzija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-fatti graw mhux kif ipprova ippingihom Raniero Borg izda kif xehdu l-ufficjali tad-Dwana, minn fejn jirrizulta li kien hemm attentat biex l-merkanzija tinhareg illegalment.

Jirrizulta li Borg kellu hin bizzejjed – aktar minn saghtejn minn meta wasal il-vapur - biex kieku verament kellu l-intenzjoni li jiddikarja l-merkanzija, imur jaghmel hekk , izda invece jirrizulta li dana Borg kien diga beda l-procedura biex johrog ix-xoghol u ma kienx ser ihallih hemm u lanqas li kien ser jidhol fis-shed kif stqarr. Meta hu twaqqaf minn tad-Dwana, hu ma kienx ipparkjat kif qal, izda kien bit-truck startjat, jistenna lill Abela biex kif dana igib id-dokumenti, li kienu jkopru biss il-gypsum, jibqghu hiergin. Kien jonqoshom biss il-gate pass out, u jibqghu hergin, bla ma jigu dikjarati l-mobiles u l-alkohol.

Fl-ebda stadju ma jirrizulta li Borg kien semma ma l-ufficjali tad-Dwana li huwa kellu struzzjonijiet minn Di Stefano jew mir-rikorrent biex ihalli parti mill-merkanzija hemmhekk biex eventwalment tigi sdoganta mir-rikorrent anzi meta waqqfuh tad-Dwana hu qallhom li Abela kien irranga kollox, izda dan ma kienx jinkludi l-mobiles u l-alkohol.

Il-mod kif instabu stivati l-kaxxi bil-mobiles u merkanzija l-ohra kien indikattiv li Borg ma kellux l-intenzjoni li jiddikarahom. Inoltre d-dokumenti li kellu Borg ghal dina l-

merkanzija ma kinitx tikkoncerna dawk tad-Dwana izda kienu invoices biss. Borg kellu zmien bizzejjed biex ighaddi d-dokumenti kieku ried, izda ma jidhrix li kienet l-intenzjoni tieghu li jiddikara l-merkanzija li giet maqbuda.

Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti li huwa ma kellux ghalfejn jevadi d-dazju billi l-VAT huwa refundable, il-Qorti tirrileva li nonostante dana dejjem trid issir id-dikjarazzjoni tal merkanzija skond il-ligi minkejja li wiehed ikun intitolat ghal esenzjoni bil-prezentata tad Dok EUR 1, billi jista anke jaghti l-kaz li wiehed jistax ma jkunx intitolat ghal esenzjoni, jew fil fatt ma jipprezentax id-Dokument, jew ma jkollux document awtentiku.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-kaz fic-cirkostanzi kif evalwati l-intimat kien korrett meta hareg in-nota ta' qbid fuq il-merkanzija li kienet se tigi importata illegalment minn Borg.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba
Bl-ispejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------